MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-12 ta' April, 2010

Numru. 168/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa']**

**vs**

**Marius Ciavola**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Marius Ciavolo detentur tal-karta tal-identita` numru 729878(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'Marzu 2009 u fix-xhur u s-snin ta' qabel:

B'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita` tieghu ta' direttur ta' Eltek Limited, approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet

giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe` approprija ruhu mill-ammont ta’ tmienja u ghoxrin elf, hames mija u hamsa u ghoxrin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€28,525.87) ghad-dannu ta’ Eltek Limited u/jew Interbrands Limited (C 6959) u/jew Francoise Chetcuti (ID: 478369M) u Jean Claude Chetcuti (ID: 347271M), liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju; u

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifici foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ ghaxart elf seba’ mija u wiehed u erbghin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€10,741.21) ghad-dannu ta’ Eltek Limited u/jew Interbrands Limited (C6959) u/jew Francoise Chetcuti (ID: 478369M) u Jean Claude Chetcuti (ID: 347271M).

Rat id-dokumenti prodotti;

Rat l-ezami fejn l-imputat wiegeb hati ghall-ewwel akkuza kif dedotta, u kkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu z-zmien biex jikkonsidra l-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal datat 12 ta’ April 2010, fejn il-prosekuzzjoni ddikjarat li t-tieni akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza

Rat ix-xhieda ta’ Francoise Chectuti li xehdet illi hija thallset a saldu; u

Rat l-Artikoli indikati.

Stante l-ammissjoni tal-imputat, qed issibu hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u qed tikkundannah sentejn prigunerija u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tissospendi s-sentenza ghal zmien sejntejn mil-lum.

Finalment, spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------